**209. Il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza, l-Onor. Helena Dalli, tipproponi:**

Malta għandha tiffirma u tirratifika l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa, illi kopja tiegħu fl-ilsien Ingliż hija annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

Billi Malta rratifikat il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa fl-1991, u minn dakinhar 'il hawn, emendat numru ta' dispożizzjonijiet legali sabiex tkun konformi mal-istess Konvenzjoni;

Billi l-Protokoll huwa kumplimentari għall-għanijiet tal-Konvenzjoni, peress illi jistabilixxi l-kompetenza tal-Kumitat dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa sabiex jirċievi u jikkunsidra komunikazzjonijiet minn ċittadini ta' stati membri li jkunu rratifikaw dan il-Protokoll;

Billi huwa fl-aħjar interess ta' Malta illi l-Gvern ta' Malta jirratifika l-imsemmi Protokoll;

Illi għalhekk issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern ta' Malta sabiex jiffirma u jirratifika l-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa.

21.02.2019

www.gov.